Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 56/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 15 ta' Diċembru 2025

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:15

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Assenti
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sur Joseph Galea	Direttur Artistiku		Preżenti għall-parti mil-laqgħa
Sa Veronika Mercieca	Uffiċjal Maniġerjali – Kultura	Reġjun Port	Preżenti għall-parti mil-laqgħa

56. 1 Ittri ta' Apoloġija

56.1.1 Il-President semma li s-Sur John Boxall u s-Sur Joseph Abela Galea ma kinux ikkomunikaw mar-Reġjun li mhux ser jattendu. Huwa talab li għandhom ikunu mmarkati assenti mil-laqgħa.

56.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.55

56.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 55 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

56.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 48

56.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Jorge Grech ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18ta' Novembru 2025 u l-15 ta' Diċembru 2025 li kienet tammonta għall-€334,483.85.

56.4 Punti maħruġa mill-Minuti tal-Laqgħat Nu 55

56.4.1 Skema Reġjun Port	Il-President fakkar lis-Sindki sabiex jissottomettu l-claims għall-ħlasijiet mill-aktar fiss possibbli u mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025.
56.4.2 Proġett Integrarti	Il-President semma li dan il-proġett ser jitkompla bħala parti mill-inizjattivi tar-Reġjun Kulturali.
56.4.3 Reġjun tal-Kultura 2026	Il-President semma li ser ikun hemm il-ftuħ uffiċjali tar-Reġjun Kulturali 2026 nhar 11 ta' Jannar 2026. Semma li kif kienu diġa infurmati dan ser issir ġewwa Bighi. Semma wkoll li kienu intbgħatu l-invit lill-mistiedna distinti u anki lill-kelliema. Is-Sur Jorge Grech staqsa jekk il-Ministru l-Onor. Owen Bonniċi kienx ġie mistieden u bi qbil unanimu bejn dawk preżenti kien hemm qbil li r-Reġjun għandu jistieden kemm lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali kif ukoll lill-Ministru responsabbli.
56.4.4 Skema ta' Bike Racks minn TM	Il-President semma li wara dawn bdew jiġu installati b' approvazzjoni ta' TM, indunaw li parti mill-proġett kien li jiġu installati repair kits ħdejn dawn ir-racks. Semma li fil-jiem li ġejjien uffiċjali minn TM kellhom ikomplu jikkomunikaw mar-Reġjun fuq l-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.
56.4.5 Mandat ta' sekwstru – ex-Segretarju Eżekuttiv	Il-President semma li l-avukat tar-reġjun kien għadu ma bagħat l-ebda rispons. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija ser tkun qed tara anki b' possibbilita' ta' avukat ieħor li dawn il-fondi jerġgħu jagħddu lura lir-Reġjun għax jidher li għadhom depożitati l-qorti.
56.4.6 Belt Kulturali Ewropea 2031	Il-President semma li wara li daħlet risposta mill-Fondazzjoni Kottonera u li talab li tkun annessa mal-minuti. Risposta tal-Fondazzjoni annessa u mmarkata bħala Dok A. Il-President semma li huwa flimkien mas-Sindku tal-Birgu kienu ser jaraw li jippreparaw risposta sal-laqgħa ta' Jannar għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-President semma li din is-sitwazzjoni ser jeskala kemm hemm bżonn anki jekk dan jitlob li jippreżenta l-każ ġewwa

Brusselll. Semma wkoll li apparti d-dokumentazzjoni ta' x' wassa; biex sar dan il-miżerja ta' bid book, il-Kunsill Reġjoanli ser ikun qed jitlob ukoll lura l-€200,000.
Is-Sur Aquilina semma li huwa dejjem sostna li l-fondi li r-Reġjun qed jgħaddi lill-Fondazzjoni huma top-up għall-allokazzjoni finanzjarja tal-Fondazzjoni Kottonera. Semma li bla ebda dubju dawn il-fondi jridu jiġu lura.

56.4.7 LESA

Il-President semma li l-LESA ma qablux li jħalsu uħud mill-ispejjeż li saru t-Tribunal matul is-sena 2024. Semma li huwa kien lest li jagħlaq it-Tribunali imam b'sens ta' rieda tajba li jidher li ser ikun hemm laqgħa f'Jannar mas-Segretarji Permanenti involuti sabiex t-Tribunali Lokali jitilqgħu minn taħt ir-responsabbilita' tar-Reġjuni.

56.5 Komunikazzjoni mill-President

Il-President semma li peress li l-Milied u l-Ewwel tas-Sena huma l-unika żewġ festi li fihom ma jinġabarx l-iskart, din is-sena jidher li hemm problema peress li dawn jaħbtu nhar il-Ħamis u għaldaqstant il-ġbir ta' skart riċiklabbli kien ser jitqabbeż bi ħmistax. Peress li jidher li dan ser ikunta' detriment għall-indafa tal-lokalitajiet ir-Reġjun kien ijlu ġimgħat jiġbed l-attenzzjoni tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex ikun hemm direzzjoni. Jidher li din id-direzzjoni waslet ftit biss jiem ijlu u filwaqt li r-Reġjun kollha wara komunikazzjoni mal-kuntratturi rispettivi qablu li għandhom jiġbru nhar 24 ta' Diċembru u l-31 ta' Diċembru ġabra addizzjonali ta' skart riċiklabbli, id-direzzjoni li ngħatat kienet li flok nhar 24 ta' Diċembru l-ġabra għandha issir nhar is-26 ta' Diċembru. F' din il-ġurnata l-kuntratturi kienu mill-ewwel infurmaw li m' għandhomx biex jaħdmu żewġ ġabriet l-għada tal-Milied. Minkejja dan l-istruzzjonijiet kienu biex jintalbu kwotazzjoni tas-servizz għal nhar is-26 ta' Diċembru 2025 u nhar l-31 ta' Diċembru 2025. Ir-Reġjun ġabar il-kwotazzjoni fejn kienet tammonta għal €21,390 eskluż il-VAT. Dan ifisser li l-ġabra ta' 26 ta' Diċembru ġiet tiswa €13,400 eskluż il-VAT, ifisser €5,410 iktar mill-prezz kwotat fil-kuntratt oriġinali. Il-ġabra tal-31 ta' Diċembru kienet kwotata bil-prezz tal-kuntratt oriġinali u l-kwotazzjoni miġbura fil-bidu tas-sena għall-ġbir ta' skart kummerċjal, dik ta' €4,090 ġbir ta' skart domestiku u €3,900 ġbir ta' skart riċiklabbli kummerċjali. Il-President spjega li wara assigurazzjoni mid-Diviżjonali għall-Gvern Lokali li dawn il-fondi ser ikunu koperti min-naħa tagħhom apparti dak li s-soltu jħalsu l-iskemi (€8,180 eskluż il-

56.5.1 Ġbir ta' Skart Riċiklabbli

VAT). Ir-Reġjun għaldaqstant bagħat għall-approvazzjoni lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-modifikazzjoni tal-kuntratt sabiex jiżdiedu dawn iż-żewġ ġabriet. Il-President semma li kif ikun hemm l-approvazzjonaijiet kollha, ir-reġjun ikun jista' jirriklama dan is-servizz addizzjonali li ser jingħata fil-ġranet imsemmija.

56.5.2 Fondi Reġjun Kulturali 2026

Il-President semma li l-ftehim mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kien ġie iffirmat u kien hemm committment ta' €250,000 fondi addizzjonali li kienu ser jgħaddu lir-Reġjun għal dan il-proġett. Il-President semma li fondi addizzjonali min-naħa tar-Reġjun qegħdin imsemmija fl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026.

56.5.3 Ittra mill-Ambaxxatur tal-Kosta tal-Ivorja

Il-President semma li wara l-istedina għal-laqgħa, ir-Reġjun kien bagħat lura sabiex tinstab data.

56.5.4 Kitba fuq is-swar tar-Reġjun

Il-President semma li dan il-proġett kien beda u l-kittieb beda jikteb u jirriċerka.

56.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Estimi Finanzjari għas-sena 2026

56.6.1 Il-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv preżentaw l-estimi finanzjari għas-sena 2026. Semma wkoll li l-allokazzjoni li ngħatat lir-Reġjun sabiex tintuża għall-amministrazzjoni din ġiet imqasma sabiex ir-Reġjun ikun jista' jamministra l-proġetti tiegħu. Filwaqt li l-allokazzjoni li kienet ġiet komessa li tingħata għall-ġbir ta' skart kienet li ġiet allokata ma' spejjeż li huma stamti li jkun hemm fl-immaniġjar tal-iskart matul is-sena 2026. Semma li wara li saru l-kalkoli kollha jidher li r-Reġjun ingħata madwar €100,000 inqas sabiex iħaddem il-kuntratt tal-iskartu spejjeż oħra bħal gate fees tal Wasteserv. Għaldaqstant, l-estimi finanzjarji għas-sena 2026 kienu ser jagħlqu b' defict ta' madwar €100,000.

56.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Olaf McKay, ir-rapport kien aprovat kif preżentat.

56.7 Approvazzjoni ta' Akkumular ta' Leave – Ħaddiema Klerikali u Maniġerjali

56.7.1 Il-President preżenta rikjesta tal-ħaddiema sabiex jakkumulaw leave mhux użat matul is-sena 2025 għas-sena 2026.

56.7.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-kumitat approva it-talbiet tal-ħaddiema.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

56.8 Approvazzjoni ta' Performance Appraisals għas-sena 2025

56.8.1 Il-President propona li l-ħaddiema klerikali u anki d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikunu intitolati li jieħdu l-massimu tal-performance bonus.

56.8.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Nigel Holland u bi qbil unanimu, l-kumitat approva dak li kien qed ikun propost.

56.9 Reġjun Kulturali 2026

56.9.1 Għal-laqgħa ġew mistiedna is-Sa. Veronika Mercieca, Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura kif ukoll is-Sur Joseph Galea, Direttur Artistiku.

56.9.2 Flimkien taw preżentazzjoni ta' dak li wieħed ser ikun qed jistenna mir-Reġjun tal-Kultura 2026. Preżentazzjoni annessa mal-Minuti u mmarkata Dok B.

56.9.3 Ġiet ukoll iċċirkulata l-plakka ta' kommemorazzjoni li ser titwaħħal f'kull lokalita'. Plakka annessa u mmarkata bħala Dok Ċ.

56.9.4 Isemma wkoll li ser ikun hemm komunikazzjoni kemm ma' Dar Malta ġewwa Brussell u kemm mal-Kunsill tal-Ewropa sabiex jitellgħu xi esebizzjonijiet relatati mar-reġjun tal-Kultura.

56.9.5 Semmew ukoll l-importanza li jkun hemm xi ħadd li qed jaħdem fuq marketing tal-proġetti li jkunu għaddejjin.

56.10 Aġġornament

56.10.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar 2026 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dok H.

KOTTONERA
FOUNDATION

Illum 26 ta' Novembru 2025

Lil President tar-Reġjun Port Sur Paul Farrugia
Sindku Kunsill Lokali Birgu Sur John Boxall

Re: Il-Process tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031: Falliment ta' Kollaborazzjoni, Segretezza u Nuqqas ta' Trasparenza

Qiegħed nikteb din l-ittra fil-vesti tiegħi ta' Chairperson tal-Fondazzjoni Kottonera bħala risposta għall-ittra datata 10 ta' Novembru 2025, ffirmata mis-Sur Paul Farrugia – president Regjun Port, u mis-Sur John Boxall – Sindku Kunsill Lokali tal-Birgu u mibgħutha lis-sottoskritt u lis-Sur Rupert Cefai.

Mill-ittra hawn fuq indikata, jirrizulta li saru diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-Fondazzjoni Kottonera, liema allegazzjonijiet ser jiġu indirizzati in kwantu jikkonċernaw u huma diretti lejn il-Fondazzjoni Kottonera.

Qabel xejn, huwa pertinenti jiġi ccarat illi, kull allegazzjoni li qegħda ssir fil-konfront tal-Fondazzjoni mhux biss hija bla bażi iżda hija ukoll inveritiera, u dan għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati f'din ir-risposta. Jidher ukoll illi, għalkemm il-Kunsill Lokali tal-Birgu u kif ukoll ir-Regjun Port, għamlu diversi allegazzjonijiet, mkien ma jidher li dawn huma sapportati b'xi forma ta' dokumentazzjoni jew evidenza; dak a kuntrarju ta' dak li ser tirrispondi għalih il-Fondazzjoni li għandha kollox dokumentat.

Infatti, il-Fondazzjoni tiddikjara bl-aktar mod ċar u kategoriku li, mid-data li hija daħlet fil-process sabiex tmexxi u tikkumpila l-applikazzjoni għal 'European City of Culture' ('ECOC'), hija mexxiet dan il-proċess bl-akbar integrita' u diliġenza, hekk kif kien mistenni minnha la darba hija ġiet fdata b'dan il-proċess. U huwa ghalhekk essenzjali li jingħata kuntest għal kif seħħew l-affarijiet matul il-process kollu sabiex jiġi muri kif, jekk kien hemm xi dewmien jew nuqqas ta' koperazzjoni, din ċertament ma kinitx min-naħa tal-Fondazzjoni Kottonera.

Kuntest - Kronologija

Jibda biex jingħad illi, qabel ma daħlet fix-xena il-Fondazzjoni Kottonera, jidher li kien hemm tilwim bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-President tar-Regjun Port rigward l-applikazzjoni għal ECOC u dan kif jista jiġi kkonfermat mill-korrispondenza mibgħutha lill-Fondazzjoni. Infatti, minn din il-korrispondenza jirriżulta ukoll li l-process kien waqa' lura għaliex ir-Regjun ma kienx qiegħed jiffunzjona u għalhekk il-proċess tal-applikazzjoni kien waqaf jew beda miexi bilmod ħafna. Kien propju għalhekk li, wara li kien intervjena il-Ministru għal Kultura u Gvern Lokali, Dr Owen Bonnici, il-Fondazzjoni Kottonera kienet assumiet rwol ta' tmexxija u kordinament sabiex jitfassal pjan li jwassal għal kumpilazzjoni u sottomissjoni tal-applikazzjoni għal ECOC.

KOTTONERA
FOUNDATION

Kif appena l-Fondazzjoni assumiet it-tmexxija, hija bdiet titlob ghall-informazzjoni rigward l-istat tal-applikazzjoni u l-iffurmar tat-tim tekniku li kien intiż sabiex jieħu hsieb l-element tekniku għal kumpilazzjoni tal-applikazzjoni. Infatti, fit-12 t'April 2024, il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien kkomunika mal-Fondazzjoni u infurmaha li kien hemm lista ta' nies magħżulin mill-Kunsill sabiex imexxu dan il-process il-quddiem. Dawn il-persuni gew avviċinati biex jibdew ix-xogħol, imma hadd minnhom ma kien interessat.

F'laqgħa li nzammet fl-24 t'April 2024 bejn il-Fondazzjoni Kottonera, r-Regjun Port u s-Sindki tal-Kottonera, ġie kkonfermat li r-Regjun Port kien weħel fl-applikazzjoni għaliex, il-Belt Valletta, li kienet diġa ġiet magħżula bħala l-Belt Kultura Ewropea fl-2018, tifforma parti mir-Regjun Port u għalhekk, minħabba dan il-fatt, kien hemm riskju li l-applikazzjoni preżenti ma tiġix kkunsidrata faverevolment la darba l-Belt Valletta kienet diġa ġiet magħzula. Għalhekk bdew isiru diskussjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni. Infatti, matul l-istess laqgħa, is-sottoskritt ħa l-izbriga illi jindaga hu f'isem il-Fondazzjoni sabiex mhux biss tasal l-informazzjoni kollha rigward il-kumpilazzjoni u sottomissjoni tal-applikazzjoni iżda ukoll sabiex jiġi imħejji statut gdid, jekk kien hemm il-ħtiega. Infatti, matul l-istess laqgħa, il-President tar-Regjun Port kien wera l-fiduċja tiegħu fis-sottoskritt u saħansitra ddikjara li setgħa jibda jmexxi dan il-proċess u jieħu f'idejh it-tmexxija tal-istess proċess.

F'Lulju 2024, wara li skattat korrispondenza l-Fondazzjoni, kien ġie approvat mill-Ministru Bonnici, il-kumitat li kellu jieħu ħsieb dan il-proċess tal-applikazzjoni, ċjoe:

Chairperson: Joe Mizzi
Artistic Director: Rupert Cefai
Project Coordinator: Liam Gauci
Programming Coordinator / Research Coordinator: Joseph Galea u Joseph Gauci

Aktar tard Dr Rachael Scicluna ingħaqdet mat-team bħala Community & Outreach Engagement Strategy.

Wara li kien ġie approvat formalment dan il-kumitat, il-proċess skatta taħt it-tmexxija u direzzjoni tal-Fondazzjoni.

Fit-22 ta' Jannar 2025, r-Regjun Port kien bagħat komunikazzjoni b'rikjesta għal informazzjoni u diversi dokumenti mingħand il-Fondazzjoni, liema talba kienet ġiet imwieġba illi tali informazzjoni ma kellhiex tintbagħat iżda ngħatat il-fakulta' lir-Regjun Port illi jmorru r-rapprezentanti tiegħu, inkluż ukoll l-awdituri, sabiex jingħataw l-informazzjoni kollha fl-uffiċini tal-Fondazzjoni Kottonera. Infatti, m'huwa minnu xejn li b'xi mod il-Fondazzjoni mexxiet il-proċess b'segretezza u nuqqas ta' kollaborazzjoni, kif qegħdin jallegaw il-Kunsill Lokali tal-Birgu u r-Regjun Port fl-ittra tagħhom. Dan għaliex, matul il-proċess kollu, il-Fondazzjoni kienet dejjem disposta illi tagħti aċċess lill-istakeholders, f'dan il-kaz ir-Regjun Port u Kunsill Lokali tal-Birgu, għall-informazzjoni kollha relatata mal-applikazzjoni.

F'laqgħa li nżammet fit-28 t'April 2025, is-Sur Rupert Cefai kien attenda għal-laqgħa tal-Bord tal-Fondazzjoni fejn kien ta spjegazzjoni dettaljata u aggornament fuq dak kollu li kien għaddej rigward l-applikazzjoni. Il-President tar-Regjun Port is-Sur Paul Farrugia kif ukoll is-Sidku tal-Birgu is-Sur

John Boxall kienu preżenti. Matul l-istess laqgħa, is-Sur Cefai kien ukoll kkonferma li kien hemm il-ħtiega ta' *monitoring structure* sabiex jiġu osservati l-attivitajiet li kienu jaqgħu bħala parti mill-applikazzjoni. Is-sottoskritt kien ukoll rrimarka li fil-laqgħa ta' wara, kienu ser jiġu diskussi l-audited accounts tal-ECOC u kif ukoll il-ħolqien tal-monitoring structure u għalhekk kien talab lill-membri sabiex ikunu preżenti. Fil-laqgħa tat-28 ta' April 2025, għal darb' oħra, is-Sur Rupert Cefai, fuq struzzjonijiet tal-Fondazzjoni, kien ta presentazzjoni dettaljata tal-*monitoring structure* u rapporti finanzjarji. Kien ukoll ġie maqbul li kellu jiġi maħluq *monitoring board.*

Fil-25 ta' Lulju 2025, il-Fondazzjoni kienet bagħtet korrispondenza lir-Regjun Port u lil Kunsill Lokali Birgu sabiex jinnominaw rappreżentant kull wieħed sabiex ipoġġi fuq il-monitoring board, flimkien mas-sottoskritt u s-Sur Rupert Cefai. Jirriżulta li la r-Regjun Port u lanqas il-Kunsill tal-Birgu ma kienu nnominaw persuni għal dan il-għan u għalhekk kien talab li din il-komunikazzjoni ssir bil-miktub. Infatti, wara li l-Fondazzjoni kienet għal darb' oħra kitbet lir-Regjun u lill-Kunsill rigward dawn in-nomini, ir-Regjun kien bagħat risposta fit-28 ta' Lulju 2025 filwaqt illi l-Kunsill kien bagħat risposta fit-28 ta' Awwissu 2025.

Skont il-Provisional Timeline – ECOC 2031 ppubblikata fuq is-sit tal-Valletta Cultural Agency (VCA), l-għeluq għas-sottomissjonijiet tar-rapporti u/jew applikazzjonijiet kienet is-26 ta' Settembru 2025 fil-5 ta' waranofsinhar. Wara diversi insistenzi min-naħa tal-Fondazzjoni, kien propju fil-16:24hrs li l-Fondazzjoni rċeviet ir-rapport preliminari sabiex jiġi sottomess mal-VCA.

Nhar id-29 ta' Settembru 2025, is-Sur Rupert Cefai kien kkonferma ma' kull parti li kellha ssir laqgħa tal-monitoring board fis-7 t'Ottubru 2025. Minkejja dan pero, kienu biss is-sottskritt u is-Sinjura Lianne Cassar għan-nom tar-Regjun Port, li kien attendaw u dana għaliex kemm is-sindku tal-Kunsill tal-Birgu u s-Sur Rupert Cefai kienu naqsu milli jattendu.

Nhar id-9 t'Ottubru 2025, il-VCA kienet baghtet komunikazzjoni lill-Fondazzjoni u talbita informazzjoni sabiex ikunu jistgħu isiru preparamenti għal preżentazzjoni li kellha ssir fit-3 ta' Novembru 2025. Jidher illi, qabel id-data li fiha kellha ssir il-preżentazzjoni, kien hemm qbil rigward il-loġistika, b'dana illi is-Sur Rupert Cefai kellu jibgħat ukoll il-preżentazzjoni bid-dettalji kollha lit-tim tekniku. Rriżulta pero li din il-ħaġa ma saritx. Infatti, fit-28 ta' Ottubru 2025, il-Fondazzjoni kienet ġiet infurmata li t-tim tekniku ma kienx ġie infurmat bid-dettalji tal-presentazzjoni. Mill-informazzjoni li l-Fondazzjoni kisbet, jidher li is-Sur Cefai kien ma jiflaħx. In vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi, is-sottoskritt kien ta struzzjonijiet lill-membri l-oħra tat-tim tekniku sabiex iħejju il-preżentazzjoni huma f'kaz li s-Sur Cefai ikun għadu ma jiflaħx.

Dakinhar li kellha ssir il-preżentazzjoni, is-Sur Cefai kien attenda u ta l-preżentazzjoni tiegħu u kif ukoll attendew it-tim tekniku.

Minn dak kollu li ġie spjegat kronoġikalment f'din l-ittra, jidher illi il-Fondazzjoni ma tista qatt tiġi attribwita b'xi forma ta' tort u dan għal diversi ragunijiet. Ibda biex, kienet propju l-Fondazzjoni nnifisha li bdiet timbutta sabiex il-proċess jimxi wara li dan kien waqaf u intelaq minħabba tilwim bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u r-Regjun Port. Huwa għal kollox ingust u frivolu li r-Regjun Port u l-Kunsill Lokali tal-Birgu jippuntaw subgħajhom lejn il-Fondazzjoni meta kienu huma stess il-kaġun ta' ħafna delungar inutili fit-tħejjija ta' din l-applikazzjoni. Barra minn hekk, huwa daqstant iehor importanti li jiġi ċċarat li l-rwol tal-Fondazzjoni kien purament wieħed manigerjali u bl-ebda

KOTTONERA
FOUNDATION

mod ma' kellha involviment fl-element tekniku tal-applikazzjoni. Kien propju it-tim tekniku li kien inkarigat u li kellu jieħu ħsieb li jwettaq ix-xogħol li ġie fdat lilu fil-ħin sabiex l-applikazzjoni setgħet tkun sottomessa fil-ħin.

Kif ġa ġie spjegat ukoll, il-Fondazzjoni fl-ebda hin ma mxiet b'segretezza jew b'nuqqas ta' kollaborazzjoni mal-istakeholders kollha, inkluz il-Kunsill Lokali tal-Birgu u r-Regjun Port. Dan għaliex, kif tixhed il-korrispondenza kollha, il-Fondazzjoni kienet u għadha disposta f'kull hin li tagħti access għall-informazzjoni

Joe Mizzi
Chairman
Fondazzjoni Kottonera

Kopja Ministru Għall-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti s-Sur Kevin Mahoney
Direttur Ġenerali Diviżjoni Gvern Lokali
President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Is-Sur Joseph Gauci
Is-Sur Joseph Galea
Is-Sur Liam Gauci
Dr Rachael Scicluna

Dok B

2026

PORT Projetti

REGION OF CULTURE PORT 2026

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

Viżjoni

L-Istorja Tankrana
Il-Mewġ Jiggwidana

ARTI FIL-KOMMUNITA

INKLUŻJONI U INTEGRAZZJON

IDENTITÀ

LEGAT

FTUĦ

NNAR, 2026

NJA TA' THABBIR FIL-11 IL-LOKALITAJIET

VVENIMENT GĦALL-KOMUNITÀ
LAKKA KOMMEMORATTIVA
UZIKA U L-BANDU
ISKORS TAS-SINDKU
NADAR FUQ IL-BJUT U L-ARBLI

– FTUĦ UFFIĊJALI, VILLA BIGHI, TAĦT IL-PATROĊINJU TAL-PRESIDENT

REGION OF CULTURE PORT 2026

L-ISTORJA TANKRANA, IL-MEWĠ JIGGWIDANA

IL-PORT - REĠJUN TAL-KULTURA 2026

Port Regional Council

VALLETTA · IL-BIRGU · L-ISLA · BORMLA · ĦAŻ-ŻABBAR

IL-FGURA · FLORIANA · IL-KALKARA · PAOLA · ĦAL TARXIEN · IX-XGĦAJRA

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

Programm Ġenerali Reġjun tal-Kultura

DAK LI JORBOTNA FLIMKIEN

- ART IN COMMON/ARTI KOMUNI
- OLIMPJADI TAR-REĠJUN
- ZIP LINE

- MARKETING
- RITRATTI
- DOKUMENTAZZJONI

PROĠETTI M KOMMUNIT

- INTEGRARTI
- NEXUS
- IMPORTARTI/KOLL
- REGIONAL MOSAIC
- LEĦEN IL-PORT

ARTS COUNCIL MALTA



INTEGRARTI

It-Tieni Edizzjoni

Programm iddisinjat b'involviment attiv ta' kull kunsill.

- **Baġit allokat għal kull kunsill, għall-inizjattiva li tinvolvi residenti li jappartjenu għal gruppi etniċi fl-attivitajiet.**

INTEGRARTI

?T IN COMMON / ARTI KOMUNI

ONI PERMANENTI T'ARTI VIZIVA F'KULL
L-INVOLVIMENT TAL-KOMMUNITA/JIET

A BIRD'S EYE VIEW OF THE PORT

ZIP LINE : BIRGU - KALKARA

OLIMPJADI TAR-REĠJUN

.EĦEN IL-PORT

VIDJOWS U MUŻIKA

- FEATURE
- KANZUNETTA ORIĠINALI – K
- VIDJOW MUŻIKALI INTERĠEN

RITRATTI

- VALERY POSHTAROV FATHER AND SON
- DOKUMENTAZZJONI TAS-SENA

AR
KKONTI
D OF SEASON REVIEW

Regional Mosaic

Programm iddisinjat b'involviment attiv ta' kull kunsill.

Baġit allokat bil-għan li jipprovdi assistenza għal attività kulturali magħżula mill-kunsill lokali, b'enfasi fuq rikonoxximent tal-ħidma, kultura u l-impenn tal-organizzazzjonijiet lokali fir-Reġjun.

Frar

Marzu

April

Mejju

Ġunju

Awissu



Settembru

Ottubru

Novembru

Diċembru

Dok C

REGION OF CULTURE PORT 2026

L-ISTORJA TANKRANA, IL-MEWĠ JIGGWIDANA

IL-PORT - REĠJUN TAL-KULTURA 2026

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

VALLETTA
Città Umilissima

IL-BIRGU
Città Vittoriosa

L-ISLA
Città Invicta

BORMLA
Città Cospicua

HAŻ-ŻABBAR
Città Hompesch

IL-FGURA

FLORIANA
Burgo Vilhena

IL-KALKARA

PAOLA

HAL TARXIEN

IX-XGHAJRA

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI